**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Gunju 2024**

**Rikors Nru : 598/2022JPG**
**Kawza Nru : 24**

**JA**
**vs**
**MC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' JA datat 14 ta' Novembru 2022 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent żżewweġ fid-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fil-Knisja parrokjali ta' San Bastjan, Ħal-Qormi (DOK A), u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti quddiem Dottor Nutar Ritienne Bugeja Fenech tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) (DOK B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom peress illi llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm l-obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi l-esponent jiddikjara illi huwa mhux konsapevoli fejn tabita martu peress illi sa fejn jaf ir-rikorenti, l-konvenuta MC marret tgħix l-A.*

6. *Illi l-esponenti jiddikjara li r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-liġi.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) jiġi maħlul u dikjarat bħala xolt;*
b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jiġi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-ħall taż-żwieg jiġi debitament reġistrat skond il-ligi; u*

c) *Tagħti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru 2022 fejn giet michuda t-talba sabiex jinhatru Kuraturi Deputati. (Vide Fol 16)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 30) illi l-partijiet izzewgu nhar id-9 ta' Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 27 t'Ottubru 2006 in atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom snin jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin. Lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet permezz ta' video conference** (vide fol 26) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Gunju 2002, liema zwieg jgib certifikat numru 757/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 8). Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 t'Ottubru 2006 in atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 757/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**